KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier
Vincent Bonello – Viċi Sindku

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**26.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

26.01.01 Joseph Cuschieri – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**26.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 25 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament..

**26.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li d-dipartiment ta' l-Gvern Lokali aċetta li s-sinjorina Brenda Mifsud tibda full time. Din bdiet fis-17 ta' Mejju.

26.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill t-tender biex il-kunsill kiri post għalaq u kien hemm sottomessjoni waħda. Huwa qal li minħabba li is-sit huwa ċentrali nitgħu narawa il-possibilta' li nkellmu l-awtoritajiet ta' s-saħħa biex naraw jekk hux interesati fil-post biex dan ikun jista jintuża bħala klinika ta' l-kommunita minflokk dik eżistenti. Huwa irrimarka li qed ikollna diversi ilmenti li l-berġa preżenti mhux taqdi il-ħtiġijiet ta' ħafna anzjani li hawn fil-Ħamrun. Kunsill qabel unanimament

26.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li qed issir diskussjoni ma' l-Perit biex joħorġu Tenders għal proġett ta' l-istazzjon.

26.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li qed jitqassam ikel lil feeders ta' l-qtates bl-iskema li ħareġ il-Gvern b'kollaborazzjoni ma' l-Kunsilli.

26.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill l-applikazzjoni għal fondi ta' l-pavimentar ta' Triq Kapillan Mifsud ġiet aċettata u issuġerixxa li napplikaw għal parti l-ġdida li ħa nibdew. Kunsill qabel unanimament.

26.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil-Kunsill li qed nirċievu domandi mil-għaqdiet jekk nixtiequx li jintuża spazzju fuq il-kotba ta' l-festi jew flyers biex tingħata informazzjoni . Kunsill qabel li kunsill jagħmel użu min' dan l-ispazju bi' ħlas biex jagħti informazzjoni.

26.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li kumpanija privata offriet li tagħmel korsijiet edukattivi minghajr ħlas fuq uzu ta' Aplications fuq iċ-ċellulari u tablets lil anzjani. Kunsill qabel unanimament. Basta jsiru skont il-protokolli ta' s-saħħa.

26.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill trakka ta' Liceo ħa tkun miftuħa mit-28 ta' Ġunju.

26.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-isem ta' Triq Voctor Tedesco ġie acettat u l-pass li jmissli tiġi ipublikata fil-gazetta ta' l-gvern biex tkun uffiċjali.

26.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li rċevejna korrispondenza mis-Sur Noel Apap dwar il-permessi ta' bini ħdejn il-Kunsill. Huwa qed jishoq li dan qiegħed jirapreżenta xi individwi u jixtieq jagħmel laqgħa ma' l-kunsill. Il-kunsill ġie informat li saret talba is-Sur Apap biex jonformana min huma dawn l-individwi, iżda sa' issa ma hemmx risposta. Il-Kunsill qabel unanimament li meta jonformana lil min qiegħed jirapreżenta, tiġ ikunsidrata laqgħa miegħu.

26.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-Awtorita' ta' t-Turiżmu talbitna hux lesti li napprovaw permessi temporanji ta' mwejjed barra l-itabillimenti minħabba is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li naghtu l-approvazzjoni.

26.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ir-rampa ta' triq Atocja ġiet irinovata bis-saħħa ta' d-dipartment ta' t-tindif u l-haddiema ta' l-Kunsill.

26.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lil Kunsill li minħabba sitwazzjoni preżenti, jsir aramar ta' parti mit-triq għal festa ta' l-kunċizzjoni. Kunsill qabel unanimamentl li jsir aramar għal spiża ta' €250.

26.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li huwa mar jara is-sit li huwa propjeta ta' l-LEGA minħabba li hemm possibilta li jkollna fondi apposta biex il-post jintuża mir-residenti. Huwa qal li dawn interesatti li jagħmlu xi tip ta' shubija ma' l-kunsill biex dan jintuża mir-residenti. Kunsill qabel li nkomplu id-diskussjonijiet magħhom.

## 26.04 Proġetti fil-Ħamrun

26.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-pjanti ta' Triq Qrejten ġew sottomessi lil Transport Malta għal approvazzjoni.

26.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li għadejja ħidma ma Infrastructure Malta dwar Triq Qormi u Triq Cordina Perez.

26.04.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill l-ħidma fuq il-proġett ta' ġnien fuq l-Liċeo għadejj ġmielu. Huwa qal li hemm ħsieb li tender u xogħol jinqasam fuq żewġ fażijiet, filwaqt li issuġerixxa li issir talba lil Awtorita ta' l-ippjanar biex dawn jigħnuna iktar finanzjarjament. Kunsill qabel unanimament.

26.04.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ħareġ il-permess għal bandli fi-triq is-sorijiet. Huwa issuġerixxa li l-art issir mil-kuntrattur ta' l-Kunsill filwaqt li joħroġ tender għal-bandli. Kunsill qabel unanimament.

**26.05 Skemi**

26.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm skema biex jiġu ingaġati " Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex''. Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

26.05.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill l-applikazzjoni għal l-iskema għal fondi; Proġetti fil-komunitajiet, mil-Aġenzija LESA, għal-Kameras fi' triq il-Kbira ġiet acettata'

26.05.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill ha jkun hemm skema mil-Awtorita ta' l-ippjanar biex issir restawr ta' faċatti fi' Triq il-Kbira. Huwa issuġerixxa li tinbgħat ittra ir-residenti biex dan jilħqu jkunu preparati. Kunsill qabel unanimament.

**26.06 Ċelebrazzjoni Hamrun Spartans**

26.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-klabb sa jkun iniedi il-programm ta' ċelebrazzjonijiet mil-25 ta' Ġunju.

Huwa informa lil kunsill li stlesta l-armar min-naħa ta' l-kunsill. **Il-Kunsilier Efrem Buttigieg** xtaq jirringrazzja lil ħaddiema ta' l-kunsill ta' l-ħidma li għamlu biex sar l-armar.

Fl-4 ta' Lulju il-klabb sa jkunu qed idduru il-każini biex imbgħadt jispiċaw il-kunsill għal ħabta ta' 1:00/2:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Klabb talab li jużа sala ta' kunsill biex in-nies ikunu jistgħu jieħdu rittrat ma' t-tazza. Kunsill qabel unanimament

**26.07 Festa San Gejtanu**

26.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li minħabba is-sitwazzjoni preżenti, ma' jinħargux permessi ta' kiosk u barijet fit-triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li is-Sezzjoni Festa fi' ġdan il-Hamrun Liberty talbet "No Objection" biex taghmel xi armar għal festa. Kunsill qabel unaniment li tingħata.

**26.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

26.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2021.

**Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**26.10 Ħwejjeġ Oħra**

26.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li rċieva ilmenti dwar skart fi' triq Dun Frans Camilleri. Huwa ġie informat li saret talba biex issir laqgħa ma' l-assoċċjazjoni ta' l-kumpless.

26.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li l-APP ta' l-kunsill waslet lejn l-aħħar fazi.

26.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li ħa issir laqgħa virtwali ma' l-kunsill ta' t-Tfal.

26.10.04 **Il-Kunsillier Carmen Borg** informat lil Kunsill li hemm diversi toroq fejn il-ktieb ta'l-kunsill ma' tqassamx.

26.10.05 **Il-Kunsillier Carmen Borg** talbet li issir xi ħaġa komemorativa għal vittma tal-COVID. Kunsill qabel li terġa tiġi diskussa.

26.10.06 **Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** qal li qed jara ħafna problemi ta' skart mormi illegalment. **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo qablet** miegħu. Huma ġew informati li qed issiru diversi rapporti lil awtoritajiet konċernati.

**26.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

26.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 22 ta' Lulju, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 22 ta' Ġunju, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv